



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 19 ta' Ottubru 2022
(OR. en)**

**2016/0399 (COD)
LEX 2188**

PE-CONS 55/22

**INST 367
JUR 645
JUSTCIV 127
CODEC 1501**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU 805/2004
FIR-RIGWARD TAL-UŻU TAL-PROĊEDURA REGOLATORJA
BI SKRUTINJU SABIEX JADATTAH GĦALL-ARTIKOLU 290
TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA**

REGOLAMENT (UE) 2022/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ottubru 2022

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/2004 fir-rigward tal-użu
tal-proċedura regolatorja bi skrutinju sabiex jadattah għall-Artikolu 290
tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-28 ta' Ġunju 2022 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Liżbona mmodifika l-qafas legali li jirregola s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mil-leġiżlatur, billi jintroduċi distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi (atti delegati) u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni).
- (2) L-atti leġiżlattivi adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona jikkonferixxu setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE¹.
- (3) Proposti li saru qabel b'rabta mal-allinjament tal-leġiżlazzjoni li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju bil-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona ġew irtirati² minħabba l-istaġnar fin-negozjati interistituzzjonali.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

² ĠU C 80, 7.3.2015, p. 17.

- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement qablu dwar qafas ġdid għall-atti delegati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹, u rrikonoxxew il-ħtieġa għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona. B'mod partikolari, qablu dwar il-ħtieġa li tingħata prijetà għolja għall-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tħejji proposta għal dak l-allinjament sa tmiem l-2016.
- (5) Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex temenda l-formoli standard stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² tipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Peress li dik is-setgħa tissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li tiġi adattata għal dik id-dispożizzjoni.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

² Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jgħid Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15).

- (6) Sabiex jiġi aġġornat ir-Regolament (KE) Nru 805/2004, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tkun tista' temenda l-Annessi ta' dak ir-Regolament sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li l-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (10) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 805/2004 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 805/2004

Ir-Regolament (KE) 805/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 31

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a sabiex temenda l-Annessi, sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard.";

- (2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 31a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 31 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 31 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

- (3) l-Artikolu 32 huwa mħassar.

Artikolu 2

Proċeduri pendenti

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri pendenti li kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburg

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President